MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH CASSAR**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2005

Rikors Numru. 6/2000/1

Kummissarju ta' l-Artijiet

vs

Carmelo Delia, Josephine Delia

Il-Bord,

Ra r-rikors tal-Kummissarju ta' l-Artipprezentat fl-24 ta' April,2000 fejn espona:

Illi b'ittra ufficjali tat-8 ta' April, 1999, l-intimati gew notifikati b'Avviz ghall-Ftehim fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-bicca art fil-limiti ta' Haz-Zabbar, tal-kejl ta' madwar 1,215metri kwadri, li tmiss mill-Grigal ma' Xghajra Beach, mill-Majjistral ma' Triq Qaccawied u mil-Lbic ma' proprjeta' ta' Carmelo Delia, huwa ta' tlieta u hamsin elf u erba' mitt lira Maltija,

(Lm53,400.00) kif jidher mir-rapport tal-perit Frederick H Valentino A&C.E. datat 24 ta' Marzu, 1999 li kopja tieghu Dok A hija annessa ma' l-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b'ittra ufficjali tat-23 ta' April, 1999 l-intimati fost affarijiet ohra jiddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offert u jitolbu li mal-kumpens offert jinghataw ukoll bicca art ohra fil-Qawra kif immarkata fuq il-Pjanta mehmuza ma' l-istess ittra ufficjali datata 23 ta' April, 1999.

Illi b'cedola ta' depozituipprezentata fl-10 ta' Settembru, 1999 gie depozitat il-kumpens offert ta' tlieta u hamsin elf u erba' mitt lira Maltija (Lm53,400.00) ghal bicca art fuq deskritti u dan ai termini ta' l-artikolu 22(4) tal-Kap.88.

Illi skond l-istess artikolu 22 tal-Kap.88 dan id-depozitu ma' jimpedix lill-intimati milli jkomplu jikkontestaw quddiem il-Bord l-ammont offert lilhom, liema ammont pero', r-rikorrenti jikkonferma li jqisu gust u skond il-ligi.
Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitlob bir-rispett li dan il-Bord jiffissa l-kumpens relattiv ghall-art fuq imsemmija skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88)

Ra r-risposta pprezentata mill-intimati fejn esponew:

Illi Carmelo u Josephine konjugi Delia ta' "Lia Luna", Triq il-Karmnu, Zabbar, filwaqt li jaghmlu referenza ghall-Avviz ta' Ftehim ipprezentat permezz ta' att gudizzjarju fit-8 ta' April, 1999 u li fih gie offrut lilhom is-somma ta' tlieta u hamsin elf u erba' mitt lira Maltija (Lm53,400.00) ghal bicca art fil-limiti ta' Haz-Zabbar, tal-kejl ta' cirka 1,215 metri kwadri, li tmiss mill-Grigal ma' Xghajra Beach, mill-Majjistral ma' Triq Qaccawied u mil-Lbic ma' proprjeta' ta' Carmelo Delia u li dwarha hekk dikjarazzjoni tal-President ta' Malta ghall-esproprazzjoni ta' l-istess, jgharrfuk formalment li huma m'humiex jaccettaw dan il-kumpens lilhom offrut stante li ma jirreflettix dak li ghandu jkun kumpens xieraq skond il-ligi.

Il-mittenti huma tal-fehma li sabiex il-kumpens jirrefletti kumpens xieraq skond il-Ligi, huma jinghataw bicca art

ohra fil-limiti tal-Qawra immarkata bl-iswed u identifikabbli fuq il-pjanta, kopja taghha hawn annessa u mmarkata Dok A, flimkien mal-kumpens offrut fl-Avviz ta' Ftehim odjern.

B'riserva ta' kull azzjoni spettanti lill-mittenti skond il-ligi.

Semgha x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra d-digriet tieghu tat-13 ta' Ottubru, 2000 li bih gew mahtura periti teknici l-AIC Joseph Mizzi u l-AIC David Pace.

Ra r-relazzjoni ta' l-imsemmija periti li kklassifikaw l-art bhala fabbrikabbli u li l-kumpens dovut hu ta' mija u hamsa u disghin elf lira Maltija (Lm195,000). Ir-rikorrent ofra kumpens ta' Lm53,400 u l-intimati qed jitolbu Lm328,050. Ir-relazzjoni tal-periti taghmel parti shiha minn din is-sentenza.

Jilqa' t-talbiet tar-rikorrent u jordna lill-intimati jghaddulu b'titolu ta' xiri assolut bhala libera u franka bicca art fil-limit ta' Haz-Zabbar, tal-kejl ta' madwar 1,215metri kwadri, li tmiss mill-Grigal ma' Xghajra Beach, mill-Majjistral ma' Triq Qaccawied u mil-Lbic ma' proprjeta' ta' Carmelo Delia bil-kumpens ta' Lm195,000 li minnhom Lm53,400 diga gew zbankati mill-propretarji, li akkwistaw fost affarijiet ohra dan il-qasam b'kuntratt fl-atti tan-nutar Victor Bisazza tal-20 ta' Frar, 1992.

Jahtar lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-nutar li jkun qed jaghmilha floku biex jippubblika l-att opportun fl-4 ta' Mejju, 2005 fl-ufficcju tar-rikorrent u jahtar lid-Dottor Michael Spiteri biex tidher ghall-kontumaci fuq l-att, ra' l-Artikolu 31 tal-Kap 88 kif emendat u jordna li l-ispejjez ghandhom jigu sofferti mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita' kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikolhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------